Newspaper Post

# Żminijietna

żminijietna
leħen ix-xellug

www.zminijietna.org

Vol.5 Nru. 15 | Lulju - Settembru 2012 | 40c

## Unjins Ewropej jipprotestaw kontra l-ħolqien ta' "aġenziji tal-ħaddiema"

Il-Unjins fin-Norveġja fil-bidu ta' din is-sena ħarġu jistrajkjaw kontra l-implimentazzjoni fil-liġi tax-xogħol Norveġiza ta' direttiva Ewropea favur xogħol temporanju u aġenziji tal-ħaddiema. It-trejdjunjins qed jirrealizzaw li din id-direttiva mhux vera daħlet biex tiddefendi d-drittijiet u l-interessi ta' dawn il-ħaddiema, imma bil-kontra hi ntrodotta biex timbutta l-quddiem *social dumping u cheap labour* fl-Ewropa. L-istrateġija ewlenija hi li jidderegolaw is-suq tax-xogħol Ewropej.

L-Unjins qed jgħarfu li l-implimentazzjoni ta' din id-direttiva se timmina d-drittijiet tal-ħaddiema eżistenti u se twassal għall-iżmantellament ta' xogħol regolari u l-ftehim kollettiv. B'din id-direttiva il-Unjins qed jaraw tkompli tfeċċ fis-soċjetá l-klassi prekarja jew kif hawn minn isejħilha l-ħaddiema foqra *(working poor)*.

L-introduzzjoni ta' dawn id-direttivi joħroġ fid-deher l-ipokrezija tal-istituzzjonijiet Ewropej meta jitkellmu li jridu jsaħħu l-kunċett ta' Ewropa Soċjali.

Il-qorti Ewropea wkoll ġabet fix-xejn id-dritt tal-Unjins għal negozjar ta' ftehim kollettiv għal dawk il-ħaddiema "ttrassferiti" minn pajjiż għall-ieħor *(posted workers)* fuq bażi temporanja. Il-każ Vaxholm u Viking huma eżempju ta' dan. L-ammont ta' dawn il-ħaddiema llum jlaħħaq il-miljun.

Statistika Ewropea dwar xogħol temporanju u agency workers juru li x-xogħol prekarju se jkompli jiżdied fl-Ewropa. Fil-Ġermanja biss l-ammont ta' *agency workers* jaqbeż il-50,000, fl-Ingilterra dan jlaħħaq 1.2 miljun. Fl-Olanda 1 minn kull 5 ħaddiema jaħdmu b'xogħol temporanju. Fi Franza dan ilaħħaq 12.5% tal-ħaddiema kollha.

Il-Unjins Ġermaniżi qed jirrikonoxxu li l-aġenziji temporanji tax-xogħol qegħdin f'pożizzjoni li jistgħu jimpjegaw ħaddiema mil-Polonja ġewwa l-Ġermanja b'pagi aktar baxxi. Filfatt fil-Ġermanja fl-aħħar sentejn inħolqu ma' 50,000 impjieg ta' dan it-tip, b'ħafna mill-ħaddiema jkunu dawk li huma bla xogħol.

Li ġara hu li l-pagi bdew jitbaxxew u x-xogħolijiet permanenti bdew jonsqu. Filfatt studju maħruġ mill-Unjin tal-metall Ġermaniża juri li dawn il-ħaddiema jaqilgħu bejn 20-40% anqas fil-paga mil-ħaddiema bl-istess xogħol f'impjieg permanenti. L-aktar li qed affettwati huma ħaddiema żagħżagħ u ħaddiema l'fuq minn 45 sena.

# It-Tama tal-Ħaddiem fl-Ewropa huwa x-Xellug

M'hemm ebda dubju li f'dan iż-żmien ta' kriżi u awsteritá, fejn il-piż kollu qiegħed jinġarr mill-ħaddiema, l-unika tama li dawn ma jkomplux jissawtu u jitgħaffġu huwa x-Xellug. Jekk hemm prova ċara hija dik tal-Greċja.




Il-ħolqien ta' partit tax-Xellug Radikali Syriza kexkex lill-dawk fl-Unjoni Ewropea li ma jarawx soluzzjoni għall-kriżi kapitalista ħlief awsteritá u aktar awsteritá.

Huwa veru li l-Partit Syriza ma rebaħx it-tieni elezzjoni li saret fil-pajjiż imma xorta kellu effett. Il-Gvern il-ġdid huwa koalizzjoni bejn id-Demokrazija Ġdida, il-PASOK, u s-soċjal demokratiċi li meta kienu fil-gvern qabel baxxew rashom għad-diktat tal-bankiera u l-istituzzjonijiet Ewropej, u aċċettaw li l-gvern tal-pajjiż jitmexxa minn teknokratiku mhux elett biex jiġi żgurat li l-awsteritá titwettaq u l-banek jiġu salvati.

L-eżistenza tal-partit tax-xellug kellha l-effett li ż-żewġ partiti fil-Gvern issa qegħdin jirribellaw u qegħdin jinsistu ma' l-UE li tagħti iktar żmien biex inaqqsu d-defiċit tal-pajjiż. Qegħdin jgħidu li ma jridux inaqqsu aktar il-pagi u l-pensjonijiet u ma jridux ikeċċu aktar ħaddiema, miżuri li kienu aċċettaw qabel l-avvanz tal-Partit Syriza.

Ix-Xellug ukoll rebaħ bil-kbir fi Franza fejn l-Alleanza Xellugija għandha l-maġġoranza assoluta fis-Senat, l-Assemblea Nazzjonali u fil-gvernijiet lokali.

U dan il-gvern li jinkludi lill-Ħodor u l-front tax-xellug Komunista diġá wera li minflok awsteritá jrid tkabbir ekonomiku. Kull fejn hemm ix-Xellug il-ħsieb huwa dejjem favur il-ħaddiema, il-pensjonanti u studenti u mhux fil-banek u s-sidien tal-Kapital.

Riżultati sodisfaċenti oħra għax-Xellug nkisbu fil-Ġermanja u l-Italja.

# Il-Prekarjetá fuq l-Aġenda tal-Unjins u l-Politika

Żminijietna – Leħen ix-Xellug tapprezza ħafna l-inizzjattiva li ħadet il-*General Workers Union* u *FOrum Unions Maltin* li flimkien organizzaw Konferenza Nazzjonali bħala parti minn l-attivitajiet ta' Jum il-Ħaddiem, li ttrattat il-problema dejjem tikber tal-Prekarjat f'Malta.

Qed ngħidu hekk għax anke min dak li ħareġ mill-Konferenza u bl-affermazzjoni tal-maġġor parti tal-kelliema, li jinkludu wkoll il-Ministru Chris Said, il-problema ta' xogħol prekarju f'Malta teżisti, hi magħna, imma sa llum ma nafux kemm hi kbira.

Michael Parnis fetaħ id-diskussjoni fejn qal li t-tema tax-xogħol prekarju llum nistgħu ngħidu li qiegħda fuq fomm kullħadd. Kompla jgħid li b'disjaċir ngħidu li l-employers għadhom sa llum iridu jiskreditaw dan is-suġġett. Kompla jgħid li kien ta' dispjaċir li għal darb'oħra l-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem u l-GRTU għażlu li ma jippartecipawx f'din il-konferenza. Minn banda l-oħra kien pass pożittiv il-parteċipazzjoni tal-MHRA f'din il-konferenza, assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-lukandiera u r-restoranti.

L-ewwel kelliem kien il-Monsinjur Victor Grech fejn tkellem fuq ir-rapport li nediet l-istess Caritas *"Dħul minimu biex familja jew persuna tgħix ħajja diċenti"*. Waqt l-intervent tiegħu l-Monsinjur Grech ħareġ jgħid li kien hemm min qallu biex ma "jqanqalx trab, u nħallu l-affarijiet kwieti".

Il-Monsinjur żied jgħid li l-ġid ewlieni tan-nazzjon huma nies. Għalhekk il-bniedem għandu jkun fiċ-ċentru ta' l-ekonomija u mhux fil-ġemb. Spjega li f'Malta hawn familji li m'għandhomx il-minimu bażiku ta' paga biex jgħixu ħajja diċenti. Kif ukoll li l-faqar qed jintiret min ġenerazzjoni għal oħra.

Kompla jispjega kemm hi nkwetanti l-istatistika Ewropea li qed tikkonferma li l-*'working poor'* f'Malta żdiedet minn 4.1% 2006 għal 5.9% fl-2010. Il-Monsinjur kompla jitkellem fuq ir-rapport tal-Caritas, li dan qed juri kif ċertu familji minkejja li jaħdmu u jieħdu l-benefiċċji soċjali xorta qed jgħixu fil-faqar. Fost familji b'żewġ ġenituri li jaħdmu u żewġ t'itfal, 3.3% għandhom dħul mhux adegwat. Filwaqt li fost familji b'ġenitur wieħed u żewg t'itfal 57% għandhom dħul mhux adegwat. Bormla biss nsibu ma' 95% ta' *'households'* f'dan il-livell.

Kompla jgħid kif l-istess rapporti juru li għandna ma' 9000 ħaddiem b'xogħol full-time bil-paga minima, u din il-figura ma tinkludiex ħaddiema fuq bażi part-time, bil-kuntratt jew self employed, għax sa llum ma teżisti l-ebda statistika. Wieħed isaqsi, "il-paga minima għandha titqies bħala paga ġusta?", saħaq il-Monsinjur.

Il-Monsinjur għalaq id-diskors b'appell favur żieda fil-paga minima nazzjonali ta' 22% fil-ġimgħa jekk irridu nniġġieldu l-faqar, bil-gvern jidħol hu jekk hemm bżonn biex jħallas il-kontribuzzjoni soċjali ta' dawn il-ħaddiema. Qal ukoll li għandha tingħata attenzjoni diretta lil dawk il-familji b'ġenitur wieħed. Il-Monsinjur kompla jgħid li għandu jinħadem wkoll il-"minimu adegwat" biex bniedem jgħix ħajja diċenti. Tkellem wkoll favur li jiżdied it-taħrig fl-iskejjel sabiex l-istudenti jsiru ċittadini responsabbli u reviżjoni fil-liġi tax-xogħol għall-ħaddiema b'xogħol prekarju. Il-Monsinjur tenna li dan irid isir lil hinn mid-diskussjoni. L-istess

***ikompli f'paġna 4***

# Il-Fundaturi tal-Marxiżmu

***it-Tieni u l-aħħar parti***

**minn Alfred Consiglio**

Sa dak iż-żmien, Marx u Engels għenu fit-twaqqif ta' *International Workingmen's Association.* Din kellha ssir magħrufa bħala *l-Ewwel Internazzjonal*. Kienet organizzazzjoni, fejn l-ewwel laqgħa saret f'St. Martin's Hall, f'Londra fl-1864. L-għan aħħari kien li jitwarrab il-kapitaliżmu fl-Ewropa. Marx inħatar membru tal-Kunsill Ġenerali.

Il-prestiġju tiegħu fl-Internazzjonal kien miksub bis-suċċess tiegħu fit-tilwim furjuż mal-anarkist Russu Mikhail Bakunin. Marx fittex li jqarreb il-partiti lejn it-twemmin tiegħu. Madankollu, il-membri wrew tendenzi frammentarji. Huma ma qablux, kważi fuq kollox. Kien hemm nuqqas ta' ftehim kontinwu fuq strateġija politika nazzjonali speċifika u metodi rivoluzzjonarji. Marx indaħal bil-goff f'kull kontroversja. Billi kien aktar istruwit u dominanti minn kollegi tiegħu fil-Kunsill, dejjem kważi għaddiet tiegħu. Saru kungressi f'Geneva, Lausenne u Brussell bejn l-1866 u l-1868. Il-parteċipanti kollha kienu mħeġġin b'entużjażmu għal *rivoluzzjoni dinjija.(*6)

Ħafna minnhom kienu wkoll impenjati lejn il-kawża ta' *paċi internazzjonali*, u kienu mwerwrin bil-gwerra bejn il-Prussja u Franza fl-1870. Is-suċċessi militari Prussi wasslu għal sitwazzjoni rivoluzzjonarja f'Pariġi. Ħaddiema u aġitaturi soċjalisti waqqfu l-*Komun ta' Pariġi* f'Marzu 1871. Dan kien attentat biex jistabbilixxi amministrazzjoni ta' tmexxija popolari. Kull rappreżentant kien elett u baqa' suġġett għal revokazzjoni minnufih jekk kemm-il darba l-eletturi joġġezzjonaw. Il-pagi u s-salarji kienu ugwali għal kulħadd; forniment ta' ġid kien imqassam indaqs.

Marx u Engels kienu ferħanin ħafna. Għalihom deher li l-mudell tagħhom tax-xorta ta' rivoluzzjoni kien qed ikun ikkrejat mill-proletarjat. Imbagħad ġara diżastru. Il-*forzi kontro-rivoluzzjonarji* nġabru barra Pariġi; f'Mejju mmarċjaw kontra r-ribelli, gerfxu u fixklu lir-reżistenza dgħajjfa u wettqu moħqrija brutali.

L-*Internazzjonal* iċċaqlaq lejn New York is-sena ta' wara. Marx u Engels, f'Londra, kienu 'l bogħod mill-Kunsill u tilfu ħafna mill-influwenza tagħhom fuqu. Marx kien il-ħin kollu skars mill-fondi; huwa kien ħali u nefaq bl-addoċċ il-flus li rċieva għall-ħafna artikli li kien kiteb għal *New York Daily Tribune* sa mill-1850.

Għalkemm ma abbandunax l-interess fl-Internazzjonal, Marx ta' aktar importanza lill-iżvilupp ta' partiti, fosthom *il-gruppi soċjalisti* fil-Ġermanja. Il-*Partit Soċjal Demokratiku* Ġermaniż twaqqaf fl-1875; Marx deherlu li l-partit sata' jinġieb qrib il-veduta tiegħu u ħadem għal dan il-għan. Marx u Engels ikkritikaw il-*Programm ta' Gotha*, adottat mal-ħolqien tal-partit, u kkampanjaw għal analiżi u strateġija aktar radikali.

Il-Kanċellier Ġermaniż *Bismarck* iddikjara llegali l-partit fl-1879. Taħt kundizzjonijiet ta' din ix-xorta, is-sejħa minn Marx għal qlubija akbar kienet imtennija minn ħafna soċjalisti. L-opportunitajiet għal Marxiżmu li jimponi lilu fuq is-soċjal-demokratiċi Ġermaniżi kienu qed jiżdiedu.

Madankollu, x'kien il-*Marxiżmu*? Din hija mistoqsija li qanqlet dibattitu politiku studjuż bla tarf. Marx kien aktar fertili fl-idejat milli prolifiku fl-istampar. Huwa kien ħażżież akkanit u mgħallem inkorreġġibli ta' idejat bla importanza. Marx kien l-intellettwali superjuri, u Engels fehem li d-diffikultajiet ta' riċerka u analiżi kienu mmensi. Engels u Marx kienu qed jesploraw il-fundamenti tal-eżistenza soċjali mill-passat imbiegħed lejn il-futur remot. Dan inħtieġ li huma jeżaminaw u jipproċessaw teoriji ta' filosofija, ekonomija, soċjoloġija, politika u kultura, kif ukoll iżommu ruħhom aġġornati ma' dak kollu ġdid li kien qed jiġri fl-affarijiet pubbliċi madwar id-dinja.

Ix-xogħol li kellu jsir kien kbir għal Marx. Il-ħajja kienet waħda ta' toqol għalih. Id-djun finanzjarji tiegħu u l-mard ta' martu, kif ukoll il-qari u l-kitba bla waqfien, finalment qerduh fl-eta' ta' 64.

Wara mewtu fl-1883 ħalla turrun ta' manuskritti li ma temmx kif xtaq hu. Dawn inkludew xogħol importanti għal ġenerazzjonijiet futuri ta' Marxisti. Fosthom kien hemm *"Economic-Philosophic Manuscripts*", *"Theses on Fauerbach"*, *"The German Ideology"*, *"Grundrisse",* l-aħħar żewġ volumi ta' *"Capital"* u l-*"Critique of the Gotha Programme"*.

Marx kien il-ħin kollu jibdel ir-rakkommandazzjonijiet fid-dawl ta' esperjenza. Soċjalista Russa, *Vera Zasulich,* kitbet lil Marx fi Frar 1881. Zasulich kienet tappartjeni lill-*moviment klandestin* assoċjat mal-proġett biex tinbena soċjeta' soċjalista bbażata fuq il-bdiewa. Il-mistoqsija ta' Zasulich lil Marx kienet jekk fl-opinjoni tiegħu kienx ittratta l-industrijalizzazzjoni bħala rekwiżit minn qabel għall-introduzzjoni tas-soċjaliżmu. Marx irrisponda li l-idejat tiegħu ma jeskludux il-possibilitá li rivoluzzjoni ssir mis-soċjalisti agrarji Russi, *in-Narodniki.*

Marx, għal xi snin, kien jammira x-xogħlijiet ta' wieħed minnhom, *Nikolai Chernyshevski*. In-Narodniki kienu kuntenti bit-tweġibiet ta' Marx. Pero, Marx ikkummenta li rivoluzzjoni ta' din ix-xorta tinħtieġ li ssir fl-istess ħin ta' rivoluzzjoni f'pajjiżi Ewropej li ġa kienu industrijalizzati.

Engels ma kienx anqas sever minn Marx. Bil-livell morali ta' dak iż-żmien, huwa kien xi ftit bla kuxjenza, u għal xi snin għex ma' *Lizzie Burns*. Iżda kellu doża ta' sens komun li kienet nieqsa f'sieħbu intellettwali. Fl-aħħar snin ta' ħajtu, huwa kien preokkupat bi proġetti ta' kitba fuq it-temi ta' Marx. Jippolemika ma' *Eugen Duhring,* huwa ppubblika *Anti-Duhring* fl-1871 f'attentat biex juri bi provi, l-bażi xjentifika tat-teoriji ta' Marx fuq soċjetá u rivoluzzjoni. Fl-1884 kiteb *The Origins of the Family, Private Property and the State.*

L-idejat ta' Marx u Engels inbidlu hekk kif il-ħsieb tagħhom immatura u r-riċerki tagħhom komplew. Huma kienu affetwati mill-kambjamenti fid-dinja. Bħala persuni intelliġenti, huma ma stennewx li jgħaddu ħajjithom mingħajr ma jaqraw, jiflu u jaħsbuha darbtejn. Huma xettlu immaġni tagħhom infushom bħala l-uniċi analisti xjentifiċi ta' modernitá. Huma kienu ttrattati bħala *profeti* li kliemhom kellu jkun stmat sew.

Il-Marxiżmu sa mill-bidu nkoraġġixxa t-tkattir ta' teoristi fil-qalba tiegħu. Il-Marxiżmu sa mill-bidu offra kenn lill-intellettwali. F'xi żminijiet, kemm Marx u kemm Engels kienu qablu ma' *dittatorjat rivoluzzjonarju*. Huma rredikolaw dak li huma sejjħu *sentimentalitá* ta' tipi oħrajn ta' soċjaliżmu. Huma ddefendew il-bażi xjentifika tat-twemmin tagħhom.

Il-punt terminali tat-tibdil kien inevitabbli. Il-komuniżmu kien sa jseħħ xi darba. Il-kapitaliżmu kien ikkundannat bil-kontradizzjonijiet inerenti tiegħu. Il-klassi ħaddiema nħtieġet li jkollha idejat imfissrin lilha għaliex dik il-klassi biss setgħat tmexxi r-rivoluzzjoni kontra l-kapitaliżmu. Partit, kellu jkun iffurmat li setgħa jieħu din il-biċċa xogħol iebsa.

Marx kien jemmen fil-benefiċċji ta' organizzazzjonijiet fuq skala kbira. Dixxiplina rivoluzzjonarja ċentrali kienet il-qofol għas-suċċess. Fil-futur imbiegħed, Marx stenna li soċjetá komunista tagħti opportunitajiet lil individwi biex iwettqu x-xewqat tagħhom mingħajr ma jkunu kkostrinġuti b'xi ħaġa. Sakemm jasal dak iż-żmien, huwa emfasizza l-ħtieġa għal lotta ħarxa mingħajr kompromessi.

Marx u Engels kienu nteressati f'għanijiet u ma nkwietawx rigward il-mod kif jinkisbu. Imkien fil-kitba tagħhom ma għarfu l-merti ta' proċeduri legali u kostituzzjonali. Għalihom, demokraziji parlamentari kienu fil-fatt *dittatorjati borgeżi* li ppermettew leġiżlaturi, amministraturi, pulizija w armata li jifthemu fit-trażżin tal-ħaddiema.

Huma bbenifikaw mit-tolleranza politika fl-Ingilterra; huma tħallew bi kwiethom. Il-profitti industrijali ta' Engels, u l-aċċess ħieles ta' Marx għal British Museum, kienu liberi li jgawduhom. Mingħajrhom, il-*propaganda rivoluzzjonarja* tagħhom kienet tkun zoppa. Madankollu, huma faħħru x-xorta ta' soċjetá fejn ma jitħalla ebda sfurzar fuq is-setgħa tal-ħaddiema.

Il-legat tagħhom ma kienx nieqes minn idejat u ntuwizzjoni ta' stima dejjiema. Huma kienu żguri rigward il-mixja rreżistibbli ta' globalizżazzjoni ekonomika. Huma pprevedew l-iskala akbar ta' attivitá industrijali u kummerċjali. L-analiżi tagħhom tat- tendenza inerenti tal-kapitaliżmu; li jippremja lil dawk l-intraprendituri li setgħu jkabbru t-titjib teknoloġiċi u jċekknu l-valuri tax-xogħol, kienet ippruvata preċiża.

Huma nsistew li l-kuxjenza umana ma kienetx daqstant li ma tinbidilx. Il-bnedmin kienu msawwrin mill-ambjent tagħhom; huma kienu affetwati profondament mit-tip ta' ekonomija, reġim politiku u kultura li kienu jdawwruhom.

Madankollu, mistoqsija ta' wġigħ kienet kif *soċjalisti* għandhom jorganizzaw filwaqt li joperaw taħt tipi varji ta' reġimi, li jvarjaw minn repubbliki parlamentari għal monarkiji assoluti. Marxisti kellhom ukoll jiddeċiedu x'konnessjonijiet kellhom ikollhom ma' soċjalisti oħrajn. Marxisti, fil-bidu tas-seklu l-ieħor, kellhom ħabta li jemmnu li rivoluzzjoni kellha ssegwi sekwenza. L-ewwel kellu jkun hemm rivoluzzjoni borgeża demokratika kontra l-fewdaliżmu, wara s-soċjalisti jridu jippreparaw għal rivoluzzjoni kontra l-kapitaliżmu.

Marx u Engels assumew li r-rivoluzzjoni jkollha l-appoġġ ferventi tal-maġġoranza kbira felħana tas-soċjetá. Xi drabi huma kitbu entużjastikament fuq l-użu ta' terrur statali. Huma faħħru lill-*Ġakobini* fir-Rivoluzzjoni Franċiża. Iżda huma fehmu wkoll li jekk ikun meħtieġ li jintuża t-terrur, allura ma jkunx hemm appoġġ mis-soċjetá.

Huma qatt ma waqfu milli jistinkaw biex jiksbu dak li ma kienx aċċessibli, u r-riċerka għalihom kienet pjaċevoli, u huma kienu sodisfatti fil-ħidmiet ta' manuvrar u propaganda politika. Il-ħbiberija tagħhom ħarġet l-aħjar intellett tat-tnejn.

Noti:


D. McLellan, "Karl Marx: His Life and Thought"
K. Marx u F. Engels, "The Communist Manifesto"
ibid
D. McLellan, "Karl Marx: His Life and Thought"
"Capital: A Critique of Political Economy" vol. 1.
D. McLellan, "Karl Marx: His Life and Thought".





*Editorjal*

# TGĦID ADDIO PENSJONI TA' L-ISTAT!!

Tkompli saga tal-pensjonijiet, bil-Kummissjoni Ewropea tirrakomanda l-pajjiżi membri kollha biex l-etá ta' l-irtirar titla' għal 70 sena. Dan ifisser li meta wieħed jirtira mhux pensjoni jtuħ imma tebut.

Wieħed malajr jitħasseb bil-problemi li din tista'toħloq, meta diġá qed naraw problema fostna ta' qgħad fost persuni il-fuq minn 50+. Wieħed jistaqsi kemm huma lesti s-sidien li jimpjegaw lil dawn in-nies?

L-Assoċjazzjoni ta' min Iħaddem wkoll rrikonoxxiet li se jkun hemm problema jekk terġa' togħla l-etá ta' l-irtirar. Biex tilqa' għal din, il-MEA ħarġet tgħid li jekk għandha togħla, imma biss fuq bażi volontarja. U hekk hu! Jidher li hemm qbil fost il-Unjins u Min Iħaddem li l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea mhix realistika u se tikkreja aktar problemi ta' qgħad. Anke l-Assoċjazzjoni tal-Pensjonanti qed tikkritika din il-proposta, għax ma jfissirx li għax bniedem jgħix aktar ifisser li huwa b'saħħtu.

Li mhux jingħad hu li l-ekonomiji fil-pajjiżi żviluppati qed jiċkienu. Il-kapitaliżmu m'għadx għandu dik l-abilitá li joffri livell ta' għajxien deċenti, biex il-familji jkomplu jikbru. L-ispejjeż biex koppja tixtri propjetá saru kbar. Preżentament qed naraw wkoll li biex iżid il-profitti tiegħu, il-kapitalist qed jispiċċa jaqta' f'dawk li huma spejjeż tal-produzzjoni (pagi tal-ħaddiema).

Għalhekk issa qedgħin jgħidu li l-pensjonijiet m'għadhomx sostenibbli. Huwa vera li s-sistema tal-pensjonijiet, pay-as-you-go taħdem fuq id-demografija. Imma ma nistgħux niċħdu l-fatt li fertilitá qiegħda tonqos għax llum saret wisq għolja biex trabbi u tgħajjex familja. Filwaqt li l-ekonomiji qed jiċkienu, il-pagi qed jitbaxxew u xogħolijiet qed isiru aktar atipiċi (prekarji), allura ovvja li se tiżdied u mhux tonqos il-problema tas-sostenibilitá tal-pensjonijiet tal-istat.

Il-kapitaliżmu se jkompli jimbotta biex tibqa' togħla l-etá ta' l-irtirar. Il-kapitaliżmu ma jridx li l-ħaddiem jirrealizza li qed jgħix f'soċjetá ta' prekarjetá, għax b'hekk biss jista' jkompli jżomm taħt it-tapit il-problemi li qed tiffaċċja s-sistema ekonomika u ideoloġika ekonomika li tant hi għal qalbhom.

Il-ħsieb tagħhom huwa li l-ħaddiema jirtiraw kmieni volontarjament u biex jagħmlu dan iridu jkunu ġemmgħu il-flus għall-irtirar tagħhom. Dan ifisser li matul is-snin ta' ħidma iħallsu għal pensjoni privata. U dan s'intendi se jkun ta' ġid u profitt għall-kumpanija privati.

Għax bil-pensjoni ta' l-istat, il-ħaddiem se jibqa' jħallas sas-70 sena jew aktar. Min irid igawdi ftit ħajja diċenti u jieqaf mix-xogħol qabel dik l-etá jew jispiċċa bla flus xejn jew bil-pensjoni mnaqqsa.

Anke bil-pensjoni tal-lum mhux faċli għall-anzjani li jgħixu ftit komdi speċjalment minħabba l-ekonomija ts-suq ħieles li kull jum qiegħda tgħolli l-ispiża tal-ħajja, f'dawk li huma ħtiġijiet essenzjali bħall-mediċini u servizzi ta' dawl u fjuwil. Aħseb u ara kemm se tkun agħar is-sitwazzjoni jekk il-gvernijiet fl-Ewropa jibqgħu jtambru li l-pensjoni mhix sostenibbli u jnaqqsu kif diġá qegħdin jagħmlu f'diversi pajjiżi. Il-ġlieda tal-ħaddiem llum hija li nsaħħu l-pensjoni bażika tal-istat.

## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjeta' permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilta' ekoloġika.***

***Din ir-rivista hija waħda mill-ħidmiet ta' l-Għaqda u wieħed jista' jabbona permezz ta' ċekk jew money order ta' 5 euros fl-indirizz: 14/8, Vincenti Bldgs, Triq id-Dejqa, Valletta.***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz ta' hawn fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitibiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna. Ir-riklami huma bi ħlas.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta' kull tlett xhur ta' l-Għaqda Żminijietna. Disinn KoPri Koperattiva u stampar Union Print, Marsa**

# Well-being and global development

The Indian economist Amartya Sen said, "***you can bear adversity cheerfully, but that doesn't mean you're not experiencing adversity. This is about inclusion and social justice.***" The aim of development is to ensure that people have the opportunity to live a long and healthy life, continually acquire knowledge and have access to resources so that they can have a decent standard of living. We cannot ignore human security while we are focusing on human development and well-being. Human security addresses two types of threats:

- Chronic threats related to hunger, disease, violence against women;
- Sudden painful changes related to natural disasters, sudden economic downturn and consequences of wars.

Both human development and human security was merged in Gross National Happiness (GNH), a term coined by His Majesty the Fourth King of Bhutan, Jigme Singye Wangchuck in the 1970s. The concept implies that sustainable development should take a holistic approach towards notions of progress and give equal importance to non-economic aspects of well-being.

We've been told for 30 years that flexible labour markets are the absolute central cohesive sources of support and stability of economic success. The GNH suggests that we're not as successful as perhaps we've been told, compared to other nations. In the developed countries we are witnessing the current dominance of part-time, temporary and casual work having a hugely detrimental effect on people's quality of life, by confirming that many people in work are feeling insecure and dissatisfied. Anti-poverty campaigners at Oxfam claim they have found major flaws in mainstream policies on jobs and economic growth.

Bhutan, situated between China and India with a population about the size of Birmingham, has avoided social and economic chaos by not hooking to the materialist bandwagon. It measures progress by the level of happiness among its citizens and not by gross domestic production. Last year the UN adopted Bhutan's call for a "holistic approach" to development, aimed at promoting wellbeing and happiness. Measures of progress and GNH index in Bhuttan clearly showed that producing and consuming more stuff does not make people happier. On the contrary when they overwork and go into debt to buy ever more goods and pay the bills, they get more stressed. By working, producing and consuming less is not only good for nature but also gives us more time to enjoy quality time with our nears and dears.

Institutions like the World Bank and IMF were set up in 1944 to govern commercial and financial relations between the world's powerful states. They are now perilously outdated and must be reformed to avoid catastrophe. It's about time that we in the west stop viewing economic growth as the only factor synonymous with well-being. In addition, we need to be aware that the faster we cut down forests and haul in fish stocks to extinction, the more GDP grows. So do the organized crime, war, sickness, and natural disasters make GDP grow, simply because these ills cause money to be spent and circulated in national economy. It's useless to deny, that the global economic system is in rapid meltdown. It is based on the premise of limitless growth on a finite planet. It has produced ever-widening inequalities with 20% of the world now consuming 86% of its goods, while the poorest 20% consume 1% or less and emit 2% of the world's greenhouse gases.

The world is in need of an international consensus for the creation of a new economic paradigm with well-being indicators, new national accounting systems that count natural and social capital, and incentives for sustainable production", Bhutan says.

The old idiom, ***'Prevention is better than cure'*** reminds us that we must address the root causes of social exclusion and poverty. One hopes that when the Millennium Development Goals are re-written as new Sustainable Development Goals in 2015, well-being will join the list, alongside poverty reduction, universal primary education and other priorities. To end on a positive note: while many believe that Rio+20 didn't go far enough, some progress was made. More than $50 billion in pledges were announced by more than 500 companies, organizations and governments to provide universal access to energy, and to develop clean energy. This will, of course, also create jobs.

***Nighat Urpani- Alternattiva Demokratika spokesperson on global development.***



# Il-Prekarjetá f'Malta

***jaqbad minn paġna 1***

il-ġlieda kontra l-evażjoni ta' taxxa għandha tingħata prijoritá nazzjonali. Dana kollu, temm jgħid il-Monsinjur Victor Grech ***"għandu jwassal biex familji jgħixu ħajja diċenti".***

Is-Soċjologu, Profs Edward Zammit beda d-diskors tiegħu b'ħarsa lejn l-imgħoddi, fejn hu qal li joħroġ ċar li f'Malta fi żmien il-gwerra wkoll kien hawn ħafna xogħol prekarju. Kompla jgħid li fis-suq tax-xogħol, għandek żewġ klassifikazzjoni ta' ħaddiema. Għandek dawk b'impjieg full-time, kuntratt indefenit u sigurtá ta' impjieg u mill-banda l-oħra għandek ħaddiema b'xogħol prekarju, kuntratt defenit, pagi baxxi, u mingħajr sigurtá ta' impjieg.

Kompla jgħid li l-globalizazzjoni ġabet magħha pressjoni għal aktar flessibilitá fis-suq tax-xogħol, u aktar xogħol prekarju. Il-Profs Edward Zammit qal li l-klassifikazzjoni ta' xogħol prekarju huwa dak it-tip ta' mpjieg fuq bażi *"part-time, b'kuntratt defenit, temporanju, 'on call', 'agency workers', self-employed u telework"*. Saħaq li dawn il-ħaddiema lkoll jesperjenzaw pagi baxxi, insigurtá fl-impjieg, ftit li xejn benefiċċji u ma jistawx jissieħbu fi trejdjunjin. S'intendi, kompla jgħid il-professur Zammit mhux kull xogħol minn dak 'tradizzjonali' huwa prekarju, għax jista' ħaddiem b'xogħol prekarju jkun tajjeb.

Tajjeb li ninnotaw, kompla jgħid il-Profs Zammit, li l-maġġoranza ta' l-impjiegi f'Malta huma fuq bażi regolari. S'intendi dan il-fatt m'għandux jwaqqaf milli xogħol prekarju jiġi mrażżan. Saħaq li għandu jkollna pjan nazzjonali għall-problema tal-prekarjat, filwaqt li rridu nibdew nersqu lejn il-'flexicurity' (flessibilitá b'sigurta). Irridu naraw wkoll li jkollna studji li jiddentifikaw 'fejn hi' u kemm hi 'r-rata' tal-prekarjat f'Malta. Il-Profs Zammit tenna li ħafna mil-liġijiet kif inhuma llum diġa jagħmlu x-xogħol prekarju illegali, s'intendi dana jitlob wkoll 'fine tuning' tal-liġijiet eżistendi. Qal, li jrid jkun hemm aktar inforzar u nvestiment fir-riżorsi umani biex tigi miġġielda din il-problema. Enfażi aktar lill-ħaddiema għall-Life long learning. Kif ukoll il-Unjins hemm bżonn ukoll li jingħaqdu flimkien ma' użu aħjar ta' teknologija biex jinfurmaw fuq din il-problema.

Il-Profs Edward Zammit temm id-diskors tiegħu fejn qal li sal-lum in-negozjar tal-Unjins jsir fuq livell ta' ażjenda, dan għandu jitniżżel għall-livell settorjali. Kompla jgħid li għandu jkun hemm aktar kollaborazzjoni bejn il-unjins għal strateġija komuni kontra l-prekarjat. Tenna li ***"Saħħa akbar fil-Unjins, hi din it-triq il-quddiem".***

Claudio Farrugia mill-ETC qal li l-korporazzjoni qed toħroġ skemi ta' taħriġ sabiex il-ħaddiem isib xogħol ta' kwalitá. Kompla jgħid, li fid-dinja xejn mhu perfett u kulħadd jista' jabbuża, imma kif jgħidu, l-ftit li jabbużaw jagħmlu iktar ħoss. L-ETC toffri wkoll servizzi ta' *'career counselling'* dwar taħriġ lil dawk li jaħdmu u dawk li għadhom deħlin fid-dinja tax-xogħol. ETC għandha wkoll skemi lil gruppi l-aktar żvantaġġjati biex l-employer ikun aktar miftuħ biex iħaddimhom.

Qal wkoll li ETC toħroġ skemi ta' sussidji għal training lill-ħaddiema li jaħdmu u lil employers biex jkomplu jħarrġu l-ħaddiema tagħhom bl-iskema *"Training Aid Framework"*. ETC toffri skemi oħra ta' taħriġ lil dawk li jaħdmu jew qed isibu xogħol taħt l-iskema *"Work Trial Scheme"* u *"Community Work Scheme"*. L-ETC toffri wkoll korsijiet bażiċi għal min ma jafx jikteb u jaqra, kif ukoll *scholarships* għal 'degree' f'diversi oqsma. Kompla jgħid li l-għan ta' l-ETC hu li ngħinu lill-industrija u l-individwu biex itejjbu l-livell tagħhom.

Is-Sur Farrugia qal wkoll li bl-iskemi ta' ETC nsibu li 2,470 ħaddiem sabu xogħol permezz ta' dawn l-iskemi, 85% minnhom baqgħu fl-impjieg, 21% minnhom jitħallsu bil-paga minima u 21% oħra jitħallsu doppju tal-paga minima. Il-paga medja ta' dawn il-ħaddiema hi ta' 13,500 euros. L-impjiegi jvarjaw min impjieg maniġerjali/amministrattiv, bejgħ/assistent, klerikali, labour u fil-fabbriki.

L-ETC toffri wkoll skemi għall-persuni b'diżabilitá*"Bridging the Gap"*. Tenna li "***dawn l-iskemi kollha għandhom jgħinu biex wieħed jkompli jtejjeb il-kwalitá u l-livell ta' l-għajxien".***

Fit-tieni sezzjoni li trattat il-ħsara li jagħmel il-prekarjat fuq *employers* 'onesti', Kevin Bonello mill-MUT qal li għal MUT id-definizzjoni tal-prekarjat hija dik il-persuna li tirċievi paga anqas mill-minima nazzjonali jew li taħdem bi ftit sigħat tax-xogħol. Din il-problema qed taffettwa l-aktar liż-żgħażagħ, immigranti, ħaddiema barranin u persuni *'low skilled'*.

Ma' dan wieħed isib li 37% ta' l-istudenti ma jkomplux l-istudji tagħhom wara sekondarja. Qal ukoll li sibna li fl-MCAST kienu qed jitħaddmu numru ta' ħaddiema part-time b'pagi anqas mill-minima. Il-lum din il-problema ġiet indirizzata. Nsibu wkoll ħaddiema li qed jitħaddmu b'kuntratt ta' *6xhur/6xhur* li dan żgur ma joffrilhomx sigurtá. B'dan it-tip ta' mpjieg insibu *'Supply Learning Support Assistance'*, li qed jitħallsu b'paga anqas u, sa llum għadhom ma ġewx tal-post. Problema oħra li ltqajna magħha hi ta' riklamar fl-ETC għall-post ta' persuna skrivana u fl-istess ħin tgħallem. Dana għalina huwa abbuż.

Kevin Bonello kompla jgħid li l-prekarjat qed jaffettwa wkoll il-gradwati u l-professjonisti, fejn numru minnhom qed isibu xogħol biss fuq bażi temporanja jew anqas mill-kwalifiċi tagħhom. Kif ukoll ħaddiema f'aġenziji privati minflok paga fix-xahar qed jitħallsu biss skond in-numru ta' *'commissions'* li jdaħħlu. Dan żgur ma joffrix għajxien adegwat. Kevin kompla d-diskors tiegħu b'referenza għall-ktieb *"Mc Donalisation of Society"* ta' Ritzer, fejn dan qal li bil-globalizzazzjoni ġew globalizzati l-kumpaniji, il-kulturi, l-ilbies, il-prattiċi tan-negozju u l-ekonomiji. Pero! enfasizza Kevin Bonello, nsejna "nigglobalizzaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema", bl-iskuża ewlenija tkun li l-kumpaniji malajr jfittxu suq ieħor.

Kevin Bonello għalaq id-diskors tiegħu billi emfasizza li għandu jkun jkun hemm kejl fejn il-pajjiżi jdaħħlu standards għal dik li hi paga minima nazzjonali, li tinħadem fuq l-għoli tal-ħajja u l-valur tal-propjetá bażika. Liema formola trid tiġi globalizzata għall-ħaddiema kollha. Permezz ta' din jiġu standardizzati l-kundizzjonijiet tax-xogħol biex niġġieldu *cheap labour* u l-abbuż. Temm jgħid li, "***fuq livell lokali rridu nibqgħu niġġieldu l-pjaga tal-prekarjetá"***.

Tony Zahra mill-Assoċjazzjoni tal-Lukandi u Restoranti beda d-diskors tiegħu billi qal li fid-dinja dak li hemm kostanti hija "l-bidla", jekk ma nagħmlux hekk se nkunu fi problemi kbar. Kompla jgħid li biss biss fl-aħħar 5 snin il-lukandi bejniethom tilfu 10miljun euro. Tony Zahra qal "li jifhem wkoll li tkun ħaddiem għax hu wkoll hekk beda".

Żied jgħid li l-fatt li 37% ta' żgħażagħ qed joħorġu bla livell ta' edukazzjoni żgur li l-faqar se jiżdied. Dan żgur mhux minħabba l-employers. Qal wkoll li r-realtá hi li aħna rridu nkomplu nikkompetu nternazzjonalment. Kompla jgħid li dak li kien qed jgħid Kevin dwar dinja ideali huwa vera, imma, ħaddiem fejn f'pajjiż ieħor m'għandux impjieg, xogħol irid ukoll. Tony saħaq li, l-*expectations* fit-tip ta' xogħol fost il-gradwati aħna tellajnihilhom. Kompla jgħid li rridu ngħallmu żagħżagħ li trid taħdem fil-ħajja biex tilħaq f'dak li tixtieq.

Tony Zahra qal ukoll li sa llum ma hemm l-ebda defenizzjoni ta' xogħol prekarju. Fir-realtá ħaddiem bi 3 snin fl-istess impjieg huwa ħafna. Fil-ħajja ħaddiem irid iġedded. Saħaq li skond ċifri parlamentari ħaddiema bil-paga minima huma 3,221, filwaqt li ħaddiema b'xogħol part-time mhux b'għażla huma 3,648, u ħaddiema temporanji n-numru hu ta' 8,300. Għalhekk saħaq Tony Zahra ħaddiema b'xogħol prekarju mhumiex aktar min 3,000. Kompla jgħid li xogħol prekarju joffri wkoll opportunitá lil min hu *unskilled* . Il-Ġermanja kienet mlaqqma bħala "The Sick Man of Europe". Bir-riformi tax-xogħol 2003-2005, il-Ġermanja ħolqot sa 2011 ma' 4 miljun mpjieg, b'nofshom jkun xogħol flessibbli, jew kif qed jingħad hawn fil-Konferenza bħala prekarju. Li għamlet imma l-Ġermanja biex iżidu l-paga ta' dawk bi dħul baxx daħħlu '*negative income tax*'. Żied jgħid li min informazzjoni li għandu f'Malta hawn ma' 20% ma jħallsux VAT u Taxxa kif suppost.

Żied jgħid li l-ekonomija f'Malta qed tkun aktar flessibli u tqarreb lejn ekonomiji oħrajn. Saħaq li hu żgur li ħafna mill-impjiegi f'Malta se jkunu part-time. Tkellem ukoll dwar aktar taħriġ lill-ħaddiema, li togħla l-etá meta student joħroġ mill-iskola biex żgur ikollu ċertifikat. Tenna li ***"aktar ma jkollna ħaddiema skilled aktar ngħollu l-produttivitá. Din hi r-realtá***".

Warajh tkellem Kevin Camilleri, Segretarju ta' Taqsima Lukandi u Restoranti, GWU. Kevin qal li l-istess bħal Zahra, beda bħala ħaddiem fis-settur ta' Turiżmu. Qal li mhux minnu dak li qed jallega Zahra li l-Unjins jibżaw mill-bidla. Il-Prekarjat fis-settur ta' Turiżmu jlaħħaq 2,500 ħaddiem. Dan qed isir min azjendi stabbiliti li qed joħorġu *work practices* ta' prekarjat. L-istess qed jagħtu s-servizz tax-xogħol lill-kumpaniji privati *'outsourcing'* biex il-pagi jitbaxxew u l-ħaddiema jiġu mġiegħla jaħdmu aktar sigħat. Jekk nibqgħu sejrin f'din id-direzzjoni jidher li minn hu fqir se jsir aktar fqir, ma jkunx jista' jaffordja dak li hu bażiku. B'dispaċir ngħid li ċertu skemi ta' ETC wkoll qed jitfgħu ċertu nies fil-prekarjat flok bil-kontra, jekk mhux se nindirizzaw l-abbużi. Qal ukoll li jidher li l-employers ma jridux jiġġieldu l-prekarjat. Kevin Camilleri qal ukoll li hemm ħaddiema li mhux jitħallew jissieħbu f'Unjin. Kevin tenna li ***"jekk mhux se noqgħodu attenti, l-prekarjat se jkun l-ordni tal-ġurnata".***

Is-Soċjologu, Andrew Azzopardi qal li waħda mill-kriterji tal-faqar hi xogħol prekarju. Andrew żied jgħid li "tbeżżaw li nibdew nkejlu l-faqar fuq ix-xogħol biss". F'Malta tajjeb nifhmu li għandna kuntest partikolari, fejn il-kriżi affetwat nistgħu ngħidu b'mod differenti minn pajjiżi oħra. Tajjeb, saħaq is-soċjologu, li jkollna statistika empirika dwar xogħol prekarju. Kompla jgħid li l-faqar għalih huwa *powerlessness*, fejn l-individwu m'għandux kontroll fuq ħajtu. Iż-żgħażagħ huma l-aktar milquta minn din il-problema.

Tajjeb li ngħinu żgħażagħ biex ikomplu jistudjaw, ħalli żgħażagħ ma jħossuhomx falluti. Hemm żgħażagħ li jridu jagħmlu għażliet oħra. Lil dawn ma rridux inġibuhom f'sitwazzjoni diffiċli.

Li tinkwetani jien l-aktar, fejn hemm tfajliet *single parents* li ma jistgħux jagħmlu mod ieħor biex jtejbu l-qagħda tagħhom. Żgħażagħ b'diżabilitá ntelletwali, oħrajn bil-vizzju ta' droga u oħrajn b'fedina penali, żgħażagħ immigranti, wkoll rridu nindirizzawhom.

Andrew Azzoppardi appella biex l-istrateġija ekonomika jkollha rabta ma' dak li hu soċjali.

Għandu jiddaħħal sens ta' protezzjoni soċjali ma' dawk li jħossuhom esklużi. Kompla jgħid li tajjeb insaqsu lil min iħaddem jekk dawn jafux li qed iħaddmuhom l-ħaddiema tagħhom bil-prekarjat. Tajjeb ukoll insaqsu t-tfal x'inhuma drittjiet tagħhom, meta dawn se jiġu ffaċċjati fid-dinja tax-xogħol? Il-ħaddiema qed jirrealizzaw li huma vittma ta' din is-sitwazzjoni?

***jkompli fuq paġna 5***

# Is-Sitwazzjoni tal-Ħaddiema llum

***minn Michael Briguglio***

Nixtieq nitkellem dwar xi sfidi li nikkunsidra bħala mportanti għall-unjins u l-ħaddiema f'Malta.

Biex nibda, ma naqbilx ma dawk li jemmnu l-klassi soċjali spiċċat. Jekk xejn, id-differenzi bejn il-klassijiet qed jikbru f'kuntest ta' kriżijiet ekonomiċi u miżuri ta' awsteritá.

Il-fatt bażiku li ħaddiema jbiegħu x-xogħol tagħhom lil min jimpjeghom għadu jreġi, u minnu nnifsu, dan jirrappreżenta inugwaljanza fis-soċjetá ta' żminijietna.

Minn naħa l-oħra, il-klassi tal-ħaddiema hija diversifikata mhux biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' tip ta' mpjieg, kundizzjonijiet ta' xogħol u fatturi strutturali oħra, iżda hija karatterizzata wkoll minn differenzi fil-perċezzjonijiet, aspirazzjonijiet, stil ta' ħajja u affiljazzjoni politika. Dawn id-diverġenzi jistgħu jispjegaw għalxiex Malta m'għandhiex vuċi magħquda dwar kwistjonijiet ta' mportanza kbira għall-ħaddiema.

Kwistjoni mportanti f'dan ir-rigward hi li jkun hemm assessjar realistiku tal-COLA, sabiex il-kumpens ta' kull sena verament jirrifletti ż-żieda fl-inflazzjoni. Għalhekk, għandu jkun hemm riforma fil-metodoloġija li tintuża f'dan ir-rigward.

Alternattiva Demokratika ilha titlob ukoll għal żieda fil-paga minima u għal reviżjoni fil-mod kif din tiġi kkalkulata. Aħna sodisfatti li apparti organizzazzjonijiet progressivi oħra, issa anke l-Caritas qed tagħmel din it-talba.




Żieda fil-paga minima għandha tingħata wkoll lill-ħaddiema part-time u lil dawk li qed jiġu sfurzati jirreġistraw bħala self-employed. Dan jgħin sabiex titjieb il-kwalitá tal-ħajja ta' ħaddiema b'paga baxxa. Dan ikun ta' nkoraġġiment sabiex iktar persuni jidħlu f'impjieg formali, u jinkoraġġixxi iktar produttivitá fil-proċess.

Kwistjoni oħra ta' importanza kbira hi dik tax-xogħol prekarju. In-nuqqas ta' sigurtá u kundizzjonijiet ħżiena ta' xogħol qed jinfirxu f'setturi varji ta' l-ekonomija, minn xogħol ta' tindif sa xogħol ta' riċerka. Fl-istess ħin hija ħaġa pożittiva li daħlet liġi li tagħti ċerti salvagwardji sabiex ħaddiema ma jiġux sfurzati li jiddikjaraw xogħolhom bħala self-employed. Iżda hemm aspetti oħrajn ta' xogħol prekarju bħal nuqqas ta' sigurtá u pagi baxxi.

Dan qed iżid l-istress, l-ansjetá u r-riskji lill-ħaddiema li ma jistgħux jippjanaw minħabba nuqqas ta' sigurtá, jew li ma jistgħux ilaħħqu ma' l-għoli tal-ħajja, ġieli anke b'paga iktar baxxa mill-paga minima.

Il-Gvern u l-MCESD għandhom juru determinazzjoni ikbar kontra dawn is-sitwazzjonijiet. Il-Gvern għandu jagħti l-eżempju billi jwaqqaf kuntratti pubbliċi ibbażati fuq kundizzjonijiet inaċċettabli. Għandhom jiġu ntrodotti standards ċari f'dan ir-rigward.

Alternattiva Demokratika temmen ukoll li l-ugwaljanza bejn is-sessi għandha tingħata iktar importanza fil-politika dwar l-impjiegi.

Dan m'għandux ifisser biss li jkun hemm persentaġġ ikbar ta' nisa b'impjieg, jew li jkun hemm biss żieda ta' nisa fi grad maniġerjali. Li hemm bżonn iktar u iktar hu li jkun hemm politika soċjali iktar egalitarja, li tagħti prioritá għall-job sharing, ħinijiet ta' xogħol flessibli b'għażla tal-ħaddiem, childcare centres aċċessibli – inkluż wara l-ħin ta' l-iskola, u affarijiet oħra simili.

Il-lif tal-ġenituri għandu jibqa' jiżdied lejn in-norma fl-Unjoni Ewropea, u l-gvern għandu jibqa' jerfa' parti minn nefqa għal dan.

Il-politika soċjali Maltija għandha tippromwovi l-kunċett ta' *universal caregivers,* fejn in-nisa u l-irġiel – irrispettivament mill-qagħda tagħhom – għandhom ikunu attivi kemm fl-isfera pubblika (impjieg, soċjetá ċivili, ħin ħieles eċċ..) kif ukoll fl-isfera privata (ħarsien tad-dipendenti eċċ..).

Barra minn hekk għandna naspiraw ukoll sabiex ikollna inqas ħin ta' xogħol u iktar ħin ħieles. Dan għandu jkun iktar ottenibbli f'kuntest ta' produttivitá akbar.

Ġaladarba l-unjins tal-ħaddiema kienu u għadhom kruċjali fir-rebħiet tal-klassi tal-ħaddiema, aħna nappellaw lill-istess unjins sabiex iżidu l-attiviżmu favur kategoriji u gruppi li qed jiffaċċjaw sitwazzjonijiet ta' inugwaljanza fid-dinja tax-xogħol. Dawn jinkludu persuni b'diżabilitá, immigranti, eks-ħabsin u ħaddiema anzjani.

Proposti oħrajn li nappoġġjaw jinkludu li l-closed shops isiru illegali; li jkun hemm vot sigriet bejn il-ħaddiema qabel azzjoni industrijali; u li kull kuntratt definit li jiġi mġedded għal aktar minn sena għandu jitqies awtomatikament bħala kuntratt indefinit.

L-aħħar iżda żgur li mhux l-inqas, flimkien ma' partiti ħodor oħrajn, ma' unjins tal-ħaddiema u mal-Ġnus Magqgħuda, AD tappoġġja l-viżjoni tal-Green New Deal.

Din il-viżjoni taspira għall-ġenerazzjoni ta' green jobs f'oqsma bħall-edukazzjoni, informatika, trasport, turiżmu, immaniġġjar ta' l-iskart, agrikoltura u oħrajn.

Permezz ta' dan, jinħoloq ix-xogħol filwaqt li jiġi protett l-ambjent. Iżda, l-istess bħal f'kull settur ieħor ta' l-ekonomija, għandu jiġi żgurat li impjiegi ġodda ma jkunux prekarji.

Għad irridu naraw jekk sidien humiex lesti jirrikorru għal iktar investiment sostenibbli u jekk il-Gvern huwiex lest jagħti iktar inċentivi f'dan il-qasam.

Alternattiva Demokratika temmen li l-istat għandu rwol ewlieni biex tiġi żgurata politika soċjali, ambjentali u ekonomika li tkun ġusta u sostenibbli, u li jaffettaw b'mod pożittiv il-kundizzjonijiet ta' xogħol u l-kwalitá tal-ħajja. Bħal ma qed naraw fil-qasam ta' l-enerġija, governanza dgħajfa u nuqqas ta' ppjanar qed iwasslu għal tbatijiet għal ħafna ħaddiema.

Bl-istess mod, nemmnu li l-unjins tal-ħaddiema huma kruċjali fl-attiviżmu tal-ħaddiema għal ħajja iktar dinjituża.

Għalhekk, għandi żewġ appelli.

L-ewwel, li l-unjins jibbażaw l-attiviżmu tagħhom fl-interess tal-klassi tal-ħaddiema, u mhux fuq partiġġjaniżmu tribali

It-tieni, li l-unjins ikattru iktar alleanzi fuq livelli nazzjonali, Ewropej u globali, mhux biss ma' unjins oħra, iżda wkoll ma' movimenti oħrajn, fil-ġlieda għal Ewropa u dinja iktar soċjali, ekoloġika u sostenibbli.

## Il-Prekarjetá

***jaqbad minn paġna 4***

Kompla jżied li l-ETC tajjeb li nikkritikawha, imma għandna nfaħħruha wkoll għax-xogħol li qed tagħmel. Żied jgħid li hemm żgħażagħ li qed jiżolqu mis-sistema ta' taħrig edukattiv mandatorju, u anke mit-taħriġ ta' ETC.

Tajjeb li nifhmu li hemm nies li qed jiddejqu jgħixu fil-faqar, imma ma jistgħux joħorġu minnu minħabba ċertu żvantaġġi. Is-soċjologu temm jgħid li ***"statistika empirika tagħtina direzzjoni, biex niġġieldu l-faqar u prekarjat"***

L-aħħar fażi ta' diskussjoni tmexxiet min Reno Bugeja b'mistoqsija, ix-xogħol prekarju realtá ġdida?

John Bencini, President tal-FOrum qal li ħareg ċar min din id-diskussjoni hu li xogħol prekarju jeżisti u mhux qed jaffettwa biss lil dawk li qed jaqilgħu anqas mill-paga minima. Semma li qabel ma spiċċa mill-President ta' MUT ġew erbgħa għalliema fuqu li jaħdmu fi skejjel privati fejn dawn kienu qed jitħallsu bi skala 14, meta l-kollegi tagħhom kienu mħallsa bi skala 9. Kellhom jaċċettaw dawn il-kundizzjonijiet peress li x-xogħol fil-qasam tagħhom huwa skars. Kompla jgħid li ħafna ħaddiema qed jaħdmu fil-biża'.

Semma li jekk ħaddiem irid jaħdem xogħol part-time dak mhux prekarju, imma jekk il-ħaddiem ma jistax isib xogħol full-time allura dan prekarju. Fis-settur ta' turiżmu nsibu barranin li jitħaddmu daqqa iva u daqqa le, b'pagi baxxi. Dan żgur li xogħol prekarju. John Bencini tenna li "***l-ġlieda kontra l-prekarjetá hi biss bis-solidarjetá, bejn il-ħaddiema u l-Unjins".***

Tony Zarb qal li l-ħaddiema ta' GWU huma kollha mpjegati taħt ftehim kollettiv. Infatti l-GWU, il-ħaddiema tagħha għadhom jieħdu lif miżjud ta' kull festa li taqa' s-Sibt jew il-Ħadd. Semma, li s-sistema tal-4 day week kienet biss biex ngħinu l-kumpanija tirpilja mingħajr ma tagħti sensji. Fl-istess waqt konna f'diskussjoni mal-Gvern biex fil-ħames ġurnata l-ħaddiem jingħata ġurnata taħriġ bi ħlas taħt skemi ta' ETC.

Tony Zarb saħaq li għandna żgħażagħ li ma jistgħux jisselfu mill-banek biex jixtru l-ewwel dar. Kompla jgħid li l-problema tal-prekarjat żdiedet mhux naqqset. Qal li tajjeb insemmu li l-Kunsill Malti għall-isports qed jimpjega ħaddiema bi ħlas ta' 3.10 euros fis-siegħa, li minnhom trid tinqata' t-taxxa u l-bolla.

Semma wkoll fejn f'ażjenda partikolari, ħaddiema klerikali qed jintalbu jħallsu 25 euro mill-paga għall-manutenzjoni tal-komputer li jaħdmu bih. Ħaddiema oħra qed jitħallsu bi prodotti flok bi flus. Kompla jgħid li d-Dipartiment tax-xogħol hu nieqes minn spetturi sabiex ninforzaw il-liġijiet. Sa llum hemm 3 biss.

Tony Zarb appella biex jinħoloq task force, bħalma nħolqu f'sitwazzjonijiet oħra biex niġġieldu l-prekarjetá. Zied jgħid li l-Gvern għandu jara li fit-tenders li joħroġ, il-ħaddiema għandu jkunu msieħba f'Unjin u bi ftehim kollettiv.

Tony Zarb tenna b'appell lil Vince Farrugia ta' GRTU li dan ***"għandu jirtira l-kliem li għadda dispreġġattiv fil-konfront tal-ħaddiema b'xogħol prekarju, meta sejhilhom ġrieden".***

Paul Pace ta' MUMN qal li "l-kelma tkun kburi bix-xogħol li għandek" spiċċat eżatt meta l-Gvern 14 il-sena ilu daħħal il-mekkaniżmu ta' *outsourcing* fis-settur tas-saħħa. Minn dak inhar nistgħu ngħidu li l-livell ta' l-impjieg regolari waqa' u beda dieħel ix-xogħol prekarju.

Wara tkellmu il-Ministru Chris Said u l-Membru ta' l-opposizzjoni Gino Cauchi li lkoll qablu li jeħtieġ li nindirizzaw din il-problema, bil-Ministru Chris Said jgħid li l-Gvern daħħal numru ta' miżuri biex jindirizza din il-problema, fosthom il-legal notice 44 dwar is-self employed, liġi dwar l-agency workers u ħaddiema part-time.

Filwaqt li l-membru ta' l-oppożizzjoni attakka l-Gvern li liġi l-ġdida ta' self employed ma tapplikax għall-ħaddiema mħaddma mas-servizz pubbliku u li hu l-Gvern stess li jħaddem bil-prekarjat.




# Il-Front Komunista jiltaqa' ġewwa Bruxelles

Il-Front Komunista u tal-Ħaddiema reċentament iltaqa' ġewwa Bruxelles biex jiddiskutu l-kriżi u l-kollass tas-sistema ekonomika, kriżi li ġabitha l-klassi kapitalisti. Li ħareġ ċar mis-seminar kien *"li l-miżuri ta' awsteritá fuq l-popli u l-ħaddiema ġabu moviment ta' protesta popolari kontrihom"*.

Il-Front Komunista rrikonoxxa rwol li għandha l-klassi tal-ħaddiema biex isiru tibdiliet neċessarji għal soċjetá Soċjalista. L-avvenimenti li qed naraw fid-dinja llum huma l-bidu ta' ħafna aktar li għad irridu naraw jikbru. L-istrateġija militari u offensiva tan-NATO f'ħafna reġjuni tad-dinja hija ndikazzjoni li din l-istrateġija imperjalista se tintensifika aktar ruħha f'reġjuni oħra, bl-għan jkun li takkwista aktar riżorsi biex tkompli tippruva ssalva t-tħaddim tas-sistema kapitalista.

Il-parteċipanti rrikonoxxew li sakemm il-kapitaliżmu jibqa' jeżisti, il-klassi tal-ħaddiema, u l-popli se jibqgħu jiġġieldu biex jtejbu l-livell tal-għajxien u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Kull ġlieda għal titjieb fil-kundizzjonijiet tal-klassi tal-ħaddiema tista' taqbad ġiex toroq. Jekk il-klassi tal-ħaddiema tikkreja illużjoni fis-sistema, tispiċċa biex is-saħħaħ id-dittatura tal-monopolji kapitalistiċi. Jekk, għall-kuntrarju, l-massa ssir iktar konxja, u tikseb dak l-għarfien biex tingħaqad u tiġġieled, allura hemm naraw l-avvanzar għal soċjetá egalitarja u soċjalista. Dan jiddependi mir-rwol ċentrali li se jieħdu u jagħtu l-partiti komunisti f'din il-ġlieda.

Kif qal Lenin *"kull riforma għandha żewġt uċuħ"*. Minn naħa hija konkwista oħra meta taraha minn perspettiva tal-klassi tal-ħaddiema, u mil-oħra r-riformi jistgħu jkunu għodda biex iżommu l-klassi tal-ħaddiema ġos-sistema kapitalista. Li hu żgur jgħid Lenin hu li *"riformisti xogħolhom hu li jippruvaw jaqsmu l-ħaddiema, u jbiegħduhom mill-ġlieda tal-klassi b'konċessjonijiet żgħar"*.

*"Le għan-NATO"* kienet waħda mid-dikjarazzjoni li ħadu l-partiti unanimament fis-seminar. Il-Partiti sejħu għal abolizzjoni tan-NATO. Fil-laqgħa ġiet espressa s-solidarjetá mal-poplu Kuban u Palestinjan. Il-Partiti Komunisti kkritikaw l-interventi militari imperjalistiċi ta' distabilizzazzjoni f'diversi reġjuni tad-dinja.

Il-Partiti iddikjaraw li se jibqgħu jaħdmu favur Soċjetá Soċjalista fl-interess tal-klassi tal-Ħaddiema u l-familji tagħhom. Soċjetá ġusta ma tistax tinbet f'sistema kapitalista. Għal min hu interessat jaqra aktar dwar dak li ġie diskuss fis-seminar, jista' jagħmel dan billi jara l-konkluzjonijiet ġenerali u dokumenti oħra relatati mal-"*21 Seminar Internazzjonali Komunista*" fuq is-sit *www.icsbrussels.org*. Dan huwa s-sit tal-kumitat ta' ko-ordinament tas-Seminar Internazzjonali Komunista ġewwa Bruxelles.

## Solidarjetá mal-Poplu Paragwajan

Il-Partit Komunista Malti jesprimi s-solidarjetá wkoll mal-President Xellugi Paragwajan, Fernando Lugo li ġie mkeċċi f'kolp ta' stat bil-pulit. Il-kolp illegali sar mil-oligarkija, li trid iżżomm l-affarijiet kif inhuma fil-Paragwaj.

"Meta Lugo kien elett President f'2008, l-oligarkija li hi tnejn fil-mija tal-popolazzjoni kienet tippossjedi 77 fil-mija tal-artijiet fertili. Filwaqt li l-bdiewa ż-żgħar, li jagħmlu 40% tal-popolazzjoni fil-Paragwaj kellhom biss 5 fil-mija. Ir-raġuni għalfejn sar il-kolp ta' stat kontra Lugo, kien il-fatt li hu ried jagħmel programm ta' riforma ta' l-artijiet favur il-bdiewa", qal il-Partit Komunista.

"Dan huwa l-ħames attentat kontra mexxejja Xellugin fl-Amerika Latina f'dawn l-aħħar 15 il-sena. Bl-ewwel wieħed kien l-attentat ta' kolp ta' stat li falla kontra l-President elett tal-Venezwela, Hugo Chavez fl-2002", temm jgħid il-Partit Komunista Malti.

## *l-1 Ta' Mejju*
## *"Jum il-Ħaddiem"*

Jekk kien hemm okkażjoni fejn il-ħaddiem seta' jesprimi l-weġgħat u d-dwejjaq tiegħu minn dan il-kalvarju li għaddej minnu bħal issa, propju kien f'Jum l-1 ta' Mejju, jew iddedikat lill-Ħaddiem.

Iva l-ħaddiema riedu li jkunu organizzati fl-1 ta' Mejju, riedu jipprotestaw fil-Jum iddedikat lilhom u jiddimostraw kontra l-għoli tal-ħajja, l-għoli fil-prezzijiet tal-gas, il-petrol, id-diesel u taxxi oħra illi qatt ma rajna bħalhom, it-telqa tremenda li hawn fil-pajjiż, *waiting list* enormi f'Mater Dei u nuqqas ta' xogħol u negozju.

Lista li ma tispiċċa qatt u li qed tħalli lill-istess ħaddiema bla flus fil-but. Kullħadd b'xi mod qed jintlaqat u jweġġa b'din it-tbatija, imma xi ħadd ipprefera li joqgħod idur dawra durella u jiżfen iż-żumba fi pjazza San Ġorġ, bla ma jħoss il-polz tan-nies u l-martirju li għaddejjin minnu, aktar minn nofs il-poplu Malti, li fil-maġġor parti tiegħu huma ħaddiema.

Dak li sar fi pjazza San Ġorġ, seta' jsir f'kull żmien tas-sena, u bla ebda mod ma setgħa jew jieħdu post ta' l-attivitá li x-xellug kellu, jew li kien fi dmir li jorganizza, simili għal dak li jorganizzaw partiti xellugin, il-barra minn xtutna, għad unur il-ħaddiema li llum jinsabu misruqa minn ġieħhom u unurhom.

Il-jum ta' 28 ta' April insejnieh wkoll issa,u warrabnieh fil-ġemb.

Ftit ftit daqt jispiċċa għarwien il-ħaddiem bla ma jkollu minn jipproteġieh.

U min meta l-hawn il-kapitalisti issa saru ħaddiema?

L-Għaqdiet tax-Xellug f'pajjiżna ma għandhomx joqgħodu lura. Hemm bżonn li jersqu l-quddiem u ma jħarsux biss b'simpatija, imma b'ideoloġija li jġibu lil min suppost hu protettur tal-ħaddiema f'sensih u f'postu.

***Edward Decelis.***



## Apprezzament - Pawlu Agius

Nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar ċempilli Martin Abela u tani l-aħbar li Pawlu Agius kien ħallina. Jien kont sirt naf li Pawlu Agius meta fl-1979 kont dħalt membru fil-Partit Komunista. Dak inhar huwa kien is-Segretarju Internazzjonali tal-Partit, kien imexxi l-*Progressive Tours u l-Progressive Bookshop*, kif ukoll kien attiv ħafna f'dik li kienet *Malta-USSR Friendship and Cultural Society.* Kien bniedem enerġetiku u militanti għal kawża komunista f'Malta.

Pawlu Agius huwa persuna mportanti ħafna fil-moviment komunista Malti. Għaliex hu kien dik il-persuna li waqqfet il-Partit Komunista Malti. Kull attentat li sar qabel falla tista' tgħid qabel ma beda. F'Malta meta konna għadna kolonja Ingliża, qabel 1964, kien hemm kontroll assolut, mid-dwana u l-posta, u l-ebda letteratura Marxista ma kienet titħalla tidħol. Min naħa l-oħra l-Awtoritá ekklessjastika permess tan-network tal-kappellani fil-parroċċi ma kien jaħarbilha xejn u kienet tinforma lill-awtoritajiet kolonjali dak li kien ikun għaddej.

Fis-snin 30 tas-seklu l-ieħor Ħaddiema u intelletwali kienu ittellgħu il-qorti għax kellhom fil-pussess tagħhom il-klassiċi tal-Marxiżmu, u ġew akkużati li kienu fil-pussess ta' letteratura sedizzjuża. Hekk kienet baqgħet is-sitwazzjoni politika f'Malta ta' waħda ripressiva għal kollox, anki wara li Malta ħadet l-Indipendenza.

Pawlu Agius bl-attiviżmu tiegħu fl-1969 kien irnexxielu jwaqqaf il-Partit f'ċirkustanzi ferm diffiċli. Għalkemm Malta dak inhar kienet indipendenti l-kontroll kollu kien għadu f'idejn l-Ingliżi, kemm l-ajruport u l-portijiet. Il-komunikazzjoni ma' barra u x-xandir kienu kkontrollati mill-Gvern Ingliż. L-ewwel amministrazzjoni ta' Malta Indipendenti ma kinietx waħda eletta demokratikament, għaliex sabet ruħha fil-Gvern bis-saħħa tas-sanzjonijiet imposti fuq il-Partit Laburista, mill-ġerarkija kattolika bil-barka tal-Gvern Ingliż. Amministrazzjoni li kienet kompletament pupazza tal-Ingliżi, anti-Komunista, u reazzjonarja għal aħħar.

F'dawn iċ-ċirkostanzi diffiċli li kellu ma' wiċċu Pawlu Agius, ma qatax qalbu u għeleb dawn id-diffikultajiet. Pawlu Agius flimkien ma' Twanny Vassallo u Toni Baldachinno li llum kollha m'għadhomx magħna kienu it-tlett pilastri li fuqhom żamm il-Partit fl-ewwel snin mit-twaqqif tiegħu. Iżda Pawlu Agius jibqa' mfakkar bħala l-fundatur tal-Partit Komunista Malti.

***Victor Degiovanni***

# Shortcomings of Philanthropy

***Sammy Camilleri - Ontario, Canada***

When US investment guru Warren Buffett donated $31 billion to the foundation headed by software Mogul Bill Gates and his wife Melinda, visions dawned of a *New Golden Age of philanthropy.*

The mammoth gift doubled the size of Bill and Melinda Fund, making it by far the world's largest Charitable Foundation, three times the size of Henry Ford's Foundation and 10 times larger than the Rockefeller's.

Buffett was effusively lauded by politicians, media pundits, and even by many civil society groups, who welcomed the prospect of more aid in their efforts to reduce world poverty, Aids, and other affictions. Far be from me to denigrate such grandiose act of altruism. Buffett deserves the praise lavished on him, as does Gates.
]ut if anyone thinks taht the horrendous social, economic, and physical ills that plague billions of the world's people can be remedied by charity alone, on any scale of magnitude, think again. Even if all 754 of the World's Billionaires were to emulate Gates and Buffett, almost impossible scenario, the massive problems of poverty, hunger, disease, and pollution that confront us would be moderated by no more than an infinitesimal degree.

Both Gates and Buffett deserve credit for sharing some of their enormous wealth. But larger crumbs from the tables of the rich are not the solution to global deprivation. Gates has even admitted as much when he said recently that "inequalities won't be solved by letting pure capitalism work on them". And he conceded that poor world Government's can't adequately address the problems of poverty and hunger either. "So my money" he added "is needed to help move things along".

Buffett has been even more candid in criticising the growing gulf between the rich and the poor (and the shrinking middle class) in the United States. He says the most affluent should be taxed a lot more than they are and deplores an unfair tax system in which his secretary pays a larger part of her income in taxes than he does.

Of course, both Buffett and Gates, like the confirmed capitalists they are, were quick to reject any notion that they or any other plutocrat should be "forced" to share their wealth, that it had to be voluntary act of charity. Even so, they were both scolded by their prosperous peers for expressing such heretical views.

It was a sharp reminder, if one were needed, that the two billionaires are in no way representative of other members of the opulent 1% elite. Such a humanitarian model is completely alien to their mindset, if the amassing of as much wealth as possible, by any means, is your main driving force, you tend to measure your wealth. To voluntarily reduce your riches is therefore to lower your self-esteem.

One of the Free Market ideolgues reacted to the Buffett Endowment in a scathing OP-ED in a local newspaper. He accused Buffett of betraying and undermining capitalism, which he described (accurately) as a system for making money, not giving it away.
He also noted bitterly that only mega-millionaires like Buffett and Gates can part with so much of their booty and still stay comfortably in the wealthiest class.

One does not have to be cynic to suggest that although philanthropy on the Gates – Buffett scale may be unselfishly motivated, it does bring substantially significant benefits:

- All charitable donations are tax deductible.
- A sharing-the-wealth image is good for business.
- To the extent that charity helps people to escape poverty, sickness, and illiteracy, it also helps turn them into profit generating consumers of hamburgers, movies, even computers.
- The more that charity is relied upon to alleviate the ill-effects of unregulated global markets, the less the pressure on governments to take the broader and more effective remedial action.

Nor are any large grants and bounties always given without strings attached. Are the recipients obliged to buy their relief from specified corporations? Are they expected to show their appreciation by supporting specified political leaders?

If they are educational institutions, are they supposed to inculcate in their students the appropriate tenets of capitalism and free enterprise?

The donors, too, are expected to have the "right" political attitude. Several years ago, when the dixie chicks offered $1 million to the American Red Cross, the Red Cross refused to accept the money because the singers had publicly criticised the foreign policies of then US Commander in Chief George W Bush, especially his invasion and occupation of Iraq. Political correctness, it seems, is insisted uopn at both ends of the charity spectrum.

Bill Gates have spent a billion or more of his Foundation's dollars on American and Canadian public schools, and it would be naive to assume he doesn't favour schools that are dedicated to graduating compliant workers and consumers rather than independent thinkers.

*"A compelling case can be made for keeping corporate leaders out of our classrooms", says Philip Kovacs. "When they share our schools and other institutions according to their needs, their ideology undermines the democracy the schools purportedly serve".*

A Professor of the Humanities at Florida State University, also question the altruistic motivations of corporate philanthropists, calling it "Capital masquerading as good-will". He wonders if its main purpose is not to provide a benevolent mark for corporate malevolence.

"So Warren Buffett, the second richest American white man, gives $31 billlion to Bill Gates, the richest American white man. Bravo! but why not instead gives $1,000 to each of the 38 million Americans who are living in Poverty?

A pertinant question. The answer, of course, is that such a wide dispersal of Buffett's wealth would fail to make much of a dent in the extreme US poverty rates, and indeed would make the ineffectiveness of all such charity much more obvious. In an economic system that glorifies material gain rather than magnanimity, the generosity of atypical tycoons like Buffett and Gates is clearly an aberration.

If we had an economic and political system that was designed to distribute the world's resources more equitably, the poor wouldn't have to rely on the crumbs tossed to them from the tables of the rich. Their entitlement to a decent standard of living would be built into the system. Instead, we not only fail to put limits on greed, but also fail to tax back enough of the excess accumulated wealth to fund the public programs needed to really help the poor.

The Governments we now have continue to be committed to a tax system that not nly allows the richest among us to hoard most of their money, but even enriches them further with tax cuts, hand outs, and subsidies taken from the taxes paid by lower-income earners.

By all means let's compliment Buffett and Gates on their munificence. But let's not slacken our efforts to change a system that substitutes such voluntary (and exceptional) wealth-sharing for a system geared to achieving real social and economic justice.




# Highly Positive Aspects of Human Cloning

We shall soon have astronauts travelling to a habitable planet in another galaxy. Who should these astronauts be? If we send a colony of astronauts, their descendents may evolve into something quite different from us and therefore from our interests. How much better it would be if the astronauts clone themselves, and their generations keep cloning themselves, until they eventually arrive to their destination.. If such a thing happens the people on Earth would more or less know how their astronaut ambassadors would act. Cloning together with mind uploading, that is, in this case, passing the memory of the parent onto its clone is the ideal process to be employed in space travel.

Also humanity is still evolving and it will go on evolving. How much better it would be if we could control our own evolution.

It is enough to see what happened to mice, for us to take care. Mice have got 80 %of human genes and yet they have ended up being considered by us as pests or laboratory animals. If we do not want our descendants to treat us as pests or lab animals we must control our evolution.

Some of us humans do not even respect monkeys, with whom we share 98 % of our genes. Some even dare eat monkeys. Cloning together with mind uploading are ideal tools for controlled evolution.

Also with cloning and mind uploading we would have many predictable leaders and even if we do get the occasional devil of a leader it is always better to have the devil you know than a completely unknown devil.

Cloning would also provide better family relations. The generation gap would almost disappear especially if cloning is used in conjunction with mind uploading. At present there are children who are so incompatible with their parents, that they are driven to kill their parents or to run away from home. With cloning and mind uploading this would not be the case. Cloned children would be more predictable and therefore more lovable than ordinary children.

I do not understand why some religious people are against cloning. Religious people should remember that scientists don't invent anything. They just discover the rules that there are in creation. If you believe in God, than it is god who created cloning, like how he created the law of the jungle and the gene for aggressiveness for instance. Also in nature many plants propagate by cloning.

Also the masses are becoming educated masses and they will surely not support any leader who would want to make an army of clones. Soon conscious objectors will have the upper hand and wars will be a thing of the past.

Also cloning would simplify divorce cases as parents would just take the custody of their clone.

Scientists themselves seem to be divided about reproductive cloning and therapeutic cloning. They should not be. Therapeutic cloning would alleviate a lot of emotional sufferings in families. Mothers will no longer have to sacrifice their kidneys to keep their children alive nor would children do the same for their parents or grandparents.

Religious people are worried about embryos because some say that they have a soul at conception. It is interesting to note that women used to be considered soulless by many church leaders, let alone a14days old embryo. At 14 days the embryo is more like a fish than a human.

Really, what would you like to see in the world, therapeutic cloning or what we have now, street children kidnapped and their organs stolen? Not even adolescents and adults are free from this hazard.

Making cloning illegal does not stop underground scientists from practicing it. If cloning is made illegal it will only stop harmless and poor people from cloning themselves. Illegal cloning means cloning for the rich and powerful.

***Josephine Gatt Ciancio***

# Kredenzjali Demokratiċi Ewropej

*minn A. Pert*

It-tmexxija neo-liberali tas-suq isuq f'libertinaġġ, abbandunat ir-regoli u l-etika, u ħalliet oqsma tal-ekonomija jkunu manipulati b'irresponsabiltá u korruzzjoni, li wasslu għall-kriżi ekonomika li hawn fid-dinja llum.

Fil-qasam bankarju u tal-propjetá saru l-akbar sagrileġġi li redgħu l-pedamenti tal-oqsma l-oħra kollha. Fallew banek, negozji, stati, u l-faqar sploda fost il-popli.

Ħafna tilfu l-fiduċja fil-klassi politika, li tort tagħha, llum wasalna f'dik il-qagħda tal-biki. Anke xi politiċi jidher li qegħdin jitilfu l-fiduċja fihom infushom, meta qablu jew aċċettaw li s-setgħa governattiva ta' l-Italja u l-Greċja tingħata lit-teknokratiċi maħtura minn Brussels, flok tibqa' f'idejn il-politiċi eletti mill-poplu.

Ma naqbel xejn ma dak l-ispeċi ta "kolp ta' stat awtorizzat". Narah attakk dirett fuq il-bażi tad-demokrazija kontra t-tmexxija u s-setgħa politika, b'insult lill-klassi politika.

Ninnotaw li fiż-żewġ każi nħatru teknokratiċi ekonomisti, wara li l-gvernijiet leġittimi kienu se jibdew jikkunsidraw l-element soċjali tal-kriżi. Minn wara dahar il-popli konċernati, Brussels għadda s-setgħa governattiva lit-teknokratiċi bl-inkarigu li jindirizzaw it-telf finanzjarju b'miżuri fiskali iebsin, bla ma jagħtu każ ta' kif dawn se jolqtu l-aspetti l-oħra tad-demokrazija. Għal dik il-mira ntensifikaw l-awsteritá u komplew iġġammjaw l-ekonomija akkost li nixef il-kummerċ, żdied il-qgħad u x-xogħol prekarju, u nfirex iżjed il-faqar.

Wieħed jistaqsi, b'liema awtoritá demokratika tista' Brussels tilgħab b'dan il-mod abbużiv bis-sovranitá u bir-rappreżentanza tar-rieda tal-poplu? Din qisha l-istess tattika neo-liberali li biha teknokratiċi ħallew (jew ingħataw il-libertá) li jagħmlu li jridu, b'dawk is-sagrileġġi oxxeni fil-banek u l-propjetá.

Hawn importanti niftakru li l-oġġettiv f'kull biċċa xogħol ta' teknokrat f'qasam partikulari jiġi qabel l-interessi ta' kulħadd f'kull qasam ieħor. Għalhekk nemmen li mhux politikament prattikabbli f'demokrazija li teknokrat ikollu kariga fit-tmexxija ta' stat.

Ħlief biss milli jagħti pariri lil-politiku li għandu mandat jiddeċiedi jekk jeħdux jew le, u li l-istess politiku huwa responsabbli lejn l-elettorat għad-deċiżjonijiet li jkun ħa. Għaldaqstant, dan it-trasferiment tal-poter minn idejn il-politiċi għal għand it-teknokratiċi jidher bħala mminar sottili u fin tal-iggvernar demokratiku kif nafuh, li żviluppa d-demokrazija fl-aspetti tagħha ndustrijali, ekonomiċi, ambjentali, ġuridiku, soċjali, u politiku.

Nistaqsi x'valur demokratiku fih avvanz f'qasam minn dawn, li ma jkunx relattivament rifless fl-oqsma l-oħra? X'jiswa per eżempju li tikber l-ekonomija, jekk fl-istess waqt jiżdied il-faqar?

B'dan il-pass l-UE qegħda ddawwar ħabel ma' għonq is-sistema politika, li toħnoq ir-rieda tal-popli Ewropej, u tibdel kull stat sovran f'entitá kummerċjali mmexxija b'miri purament ta' profit finanzjarju, bla ebda obbligazzjoni soċjali, industrijali, jew ambjentali.

Dik hija riċetta li ssostni l-"istatus quo" li ġabitna fiha t-tmexxija neo-liberali, fejn il-politiċi farfru r-responsabiltá politika u ħallew lin-nies tal-flus f'libertá sħiħa, li għall-profitti massimi tagħhom jiksru r-regoli stabbiliti b'dannu għall-kumplament tas-soċjetá u għal iżvilupp demokratiku tal-pajjiż.

L-"istatus quo" ma ċaqlaq xejn minn kif inhu. F'dan il-każ ippriserva l-vantaġġi ta' min għandu l-flus u s-setgħa, u żamm dejjem l-isfel lil min hu minn taħt. Il-kotra kienet tibqa' mkasbra bl-isfruttament oxxen fewdali kieku ma kienx għall-ħassieba li matul is-snin ifformolaw il-prinċipji soċio-ekonomiċi, li bil-ħidma ta' politiċi kbar żviluppawhom fi kredenzjali demokratiċi li bihom refgħu lill-maġġoranza tal-popli għal istatus ċivilizzat li nafuh llum.

Allura dan kollu jfisser li jekk tispiċċa t-tmexxija politika, żgur li ma jinbidel xejn favur ta' taħt. Mingħajr it-tama tal-opportunitá politika (mhux neo-liberali), il-maġġoranza tkun destinata li tbati ferm iżjed u aktar fit-tul, biex tirbaħ lura d-drittijiet li tilfet fl-aħħar snin dominati mit-tmexxija skandaluża neo-liberali tas-suq isuq, b'kontravenzjonijiet kriminali, li tiknes lil kull min issib quddiemha. Daqstant hija vitali għall-kotra, l-funzjoni tal-qasam politiku f'demokrazija.

# In-nisa għandhom jkollhom aċċess għall-kontraċettivi?

*Mary Anne Zammit*

Aktar responsabbiltá u dħul limitat qed jisfurzar in-nisa li jagħżlu bejn li jħallsu għall-'kontroll tat-twelid' jew li jħallsu għall-oġġetti essenzjali li jinkludu ikel għall-familja u ħlas tal-kera. Bħala riżultat, ftit nisa qed jkollhom aċċess għall-kontraċettivi u wieħed mil-fatturi li jikkontribwixxi għal dan jista' jkun l-kriżi ekonomika fl-Ewropa li ddominat ix-xenarju kollu.

L-impatt tal-kriżi laqtet lil kulħadd u kull settur, iżda mingħajr dubju l-aktar li ġew affettwati huma l-gruppi vulnerabbli u n-nisa. Il-miżuri ta' awsteritá ntrodotti bħala parti mis-soluzzjoni għall-kriżi tad-dejn qed jiġu t-trasformati fi spejjez akbar.

Dawn il-miżuri wasslu għal sitwazzjoni ta' taxxa għola, qgħad, u qtugħ tal-pensjonijiet. Dana kollu qed idgħajjef l-kapaċitajiet tal-istat biex jissodisfa l-ħtiġijiet bażiċi u d-dritt li tiġi mħarsa s-sigurtà soċjali.

'Single parents' qed jiffaċċjaw diversi ostakli fosthom dħul baxx, kontijiet tad-dawl għola u spiża akbar fl-ogħli tal-ħajja u nuqqas ta' faċilitajiet ta' 'child care centres' għal but ta' kulħadd.

Dawn id-dmirijiet hekk miżjuda qed jillimitaw il-mara, li jkollha tagħżel bejn li tħallas għall-'birth kontroll' jew li tħallas għal affarijiet essenzjali li jinkludu l-bżonnijiet tal-familja u l-kera. Sitwazzjoni oħra kruċjali hi dik fejn il-finanzi tan-nisa huma spiss ikkontrollati mill-imsieħeb abbużiv.

F'Marzu 2012, Membri tal-Parlament Ewropew bl-appoġġ ta' Ċentru għad-Drittijiet riproduttivi (organizzazzjoni legali globali għas-saħħa riproduttiva tan-nisa) iltaqgħu biex jiddiskutu dwar kif l-Unjoni Ewropea tista' telimina l-ostakli għal saħħa riproduttiva essenzjali. Huwa stmat li miljuni ta' nisa li jgħixu fl-Istati Membri tal-UE ma għandhomx aċċess għal kontraċettivi bi prezzijiet affordabbli u lanqas aċċess fl-informazzjoni adatta. Kollox ma' kollox dan qed jwassal għal vjolazzjoni tad-drittijiet umani u diskriminazzjoni abbażi ta' sess.

Is-Sinjura Nancy Northup, president ta' "Centre for Reproductive rights" ppreċiżat li, "n-nisa madwar id-dinja għandhom id-dritt fundamentali li jiddeċiedu jekk u meta jkollhom it-tfal. Kwalunkwe gvern li jqiegħed ostakli bejn il-mara u d-dritt tagħha lin-nisa sabiex jiddeċiedu huma meta jkollhom it-tfal.



F'dan ix-xenarju, mhux biss in-nisa jingħataw is-setgħa, imma se jkollhom rwol importanti fil-bidla soċjali. Nisa li huma fil-kontroll fin-numru ta' tfal fil-familji tagħhom huma aktar probabbli li jkunu qed jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol, b'hekk jikkontribwixxu aktar għas-soċjetà u t-tkabbir ekonomiku. Dan jikkontribwixxi wkoll fit-tnaqqis fin-numru ta' familji foqra. Benefiċċji oħra huma dawk fuq is-saħħa, fejn in-numri ta' 'unsafe abortions' jonqsu, filwaqt li ftit bniet se jitilqu mill-iskola minħabba tqala mhux ippjanata.

Pajjiżi tal-UE bħal Spanja, il-Ġermanja, ir-Rumanija u r-Renju Unit jagħmlu l-aċċess fil-'birth control' affordabbli u l-informazzjoni dwar il-kontraċettivi faċilment disponibbli. Pajjiżi oħra għadhom qed jgħixu f'soċjeta magħluqa f'dak li hu aċċessibilita' fil-metodu komuni ta' kontraċettivi. Il-pajjiżi li ma jinkludux il-kontraċettivi fil-għall-kontraċettivi jkun qed jikser lilha id-drittijiet bażiċi tal-bniedem. Kull mara li tgħix fl-Unjoni Ewropea, irrespettivament fejn tgħix jew kemm għandha flus jisthoqqilha l-minimu bażiku fil-kura tas-saħħa riproduttiva".

Skond il-liġi nternazzjonali ta' Drittijiet tal-Bniedem, l-Istati għandhom l-obbligu li jipprovdu aċċess għal firxa wiesgħa ta' kontraċettivi u għall-informazzjoni. L-użu ta' kontraċettivi, definittivament se jnaqqas l-għadd ta' tqala mhux mixtieqa u jippermetti politika tas-saħħa nazzjonali tagħhom huma l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Polonja, il-Latvja u s-Slovakkja.

Malta, ma baqgħetx lura meta niġu għall-informazzjoni f'dik li hi saħħa pubblika, iżda qed turi ftit li xejn titjieb ma' dawk in-nisa li ġejjien minn ambjent ta' zvantaġġ fis-soċjeta f'dak li hu livell baxx ta' edukazzjoni u problemi soċjali. Dawn is-sitwazzjonijiet jinkludu abbuż ta' sustanzi, problemi ta' saħħa mentali, dħul baxx jew anke xejn.

F'ħafna okkażjonijiet, ir-riżultat jkun tqaliet mhux mixtieqa, żieda fir-rata ta' ommijiet waħedhom, trattament ħażin tat-tfal, HIV u mard trasmess sesswalment. L-edukazzjoni hija l-fattur ewlieni, u l-ħolqien ta' opportunitajiet għall-edukazzjoni għandha tkun il-fuq fl-aġenda nazzjonali tal-pajjiż. In-nisa għandhom jiġu mħeġġa biex jibgħatu t-tfal tagħhom fl-iskola għax dan se jżid l-prospett ta' taħriġ u xogħol.

Fl-aħħarnett, il-Kumitat sejjaħ lill-korpi kostitwiti kollha tal-UE u l-Istati membri biex jieħdu azzjoni favur aċċess għall-kontraċettivi u għandhom jassiguraw aċċess għal servizz ta' ppjanar għall-familji komprensivi u provvista ta' kontraċettivi għan-nisa, irġiel u ż-żgħażagħ. Ma' dan, il-Gvern għandu jiggarantixxi sesswalità komprensiva u relazzjoni edukattiva għat-tfal kollha u l-adolexxenti. Nisa minn kull sfera tas-soċjeta għandhom dritt għall-kontraċettivi, u billi nagħtuhom dan id-dritt nkunu qed nigżuraw li n-nisa jiksbu opportunitajiet għal edukazzjoni u mpjieg u parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà.

**Abbona fil-gazzetta Żminijietna - Leħen ix-Xellug**

Isem: Kunjom:

Indirizz:

Emejl:

Sena: (€5) Sentejn: (€10)

**Ibgħat il-formola lil Żminijietna P.O Box 35 Sliema. SLM1000**